**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 4 – IT-TNEJN, 20 TA' MEJJU 2013 FIL-5:30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | Malcolm Abdilla | Kunsillier |

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 3

1.1 Kien hemm tliet korrezzjonijiet. Fil-paragrafu 8.5 għandha tidħol fl-aħħar "Il-Kunsilliera Marica Bayliss qalet li hija prudenza li l-Kunsillier responsabbli jkun ikkonsultat meta jkun hemm overlapping ta' responsabbiltajiet". Fil-paragrafu 8.6 għandha tinbidel l-aħħar sentenza għal "Kien hemm qbil ukoll li tinkiteb ittra lil TM minħabba l-periklu li jkun hemm meta karozzi jidħlu għal Triq San Ġwann tal-Għorgħar minn Triq in-Naxxar". Fil-paragrafu 8.7 għandha tinbidel "Triq il-Kapuċċini" għal "Triq Sant'Antnin"

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Pagamenti Numru 3

2.1 Is-Sur Etinne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 3 Komunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Il-Kunsill ġie nfurmat li TM stieden lis-Sindku għal-laqgħa ta' informazzjoni fuq il-Junction Upgrade tal-Kappara.

3.2 Ġie nnutat ilment li hemm periklu fi Ġnien Karin Grech minħabba li hemm barriers imwaqqgħin. Għandu jsir kuntatt mad-Dipartiment tax-Xogħljiet Pubbliċi.

3.3 Kien hemm diskussjoni rigward il-proġett ta' Ġnien Karin Grech. Is-Sindku ppropona li tintbagħat ittra lill-Ministru Joe Mizzi biex inħeġġuh ikompli dan il-proġett għall-benefiċċju tar-residenti u l-komunità ġenerali. Kien hemm qbil unanimu.

**4 Korrispondenza**

4.1 Ġew innutati l-GreenPak awards li ser ikunu nhar it-Tnejn, 3 ta' Ġunju 2013.

4.2 Kien hemm diskussjoni rigward korrispondenza minn TM biex issir un/loading bay fi Triq iċ-Ċiklamini. Ġie deċiż li ma ssirx din un/loading bay minħabba l-problema akuta li tinsab f'din it-triq.

4.3 Kien hemm qbil li tintbagħat No Objection biex l-iScouts ta' San Ġwann jagħmlu *Cook Out* f'Wied Għomor fil-31 ta' Mejju 2013.

4.4 Rigward it-talba tal-Għaqda Madonna ta' Lourdes biex issir attività konġunta mal-Kunsill, is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li tiġi aċċettata din it-talba u jiġi ibbaġitjat mhux aktar minn 500 Ewro. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

4.5 Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sur Philip Dimech ġie ngaġġat mill-Kunsill bl-iskema CIES. Il-paga tas-Sur Dimech ser titħallas mill-Kunsill u tiġi rimbursata mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

4.6 Ġie deċiż li ma ssirx iż-zebra crossing fi Triq l-Istefanotis.

**5 Punti li joħorġu mill-minuti u Affarjiet oħra.**

5.1 Is-Sur Neville Mallia staqsa fuq il-minuti 7.1 jekk l-Kuntrattur tal-Knis ipprovdiex l-informazzjoni mitluba minnu. Għandha tintbagħat ittra liż-żewġ kuntratturi biex jipprovdu l-informazzjoni ta' numru ta' ħaddiema u programm ta' ħidma. Hu ppropona li l-15 minuta parkeġġ quddiem l-Aroma ssir 30 minuta.

5.2 Is-Sinjura Joan Farrugia irreferiet għall-minuti 7.1 u ma taqbilx li l-Kappara hija nadifa għax għandha provi li s-Segretarju kellu telefonata minn MP u anke minn residenti li l-Kappara hemm il-ħmieġ. Is-Sur Neville Mallia, s-Sur Dominic Cassar u s-Sinjura Rita Saliba ma qablux għax qalu li qatt ma rċevew ilmenti għalhekk hawn Joan Farrugia qalet li fl-laqgħa oħra ħa ġġib il-provi ta' dan li qiegħda tgħid. Hi staqsiet rigward ir-rampi fi Vjal ir-Riħan kantuniera ma' Triq Ewkaliptus. Ġie deċiż li dawn isiru meta jkun hemm finanzi adekwati. Għandha tintbagħat ittra lill-residenta li għamlet din it-talba. Ġie kkonfermat li kien hemm approvazzjoni minn TM biex Triq George Tajar issir One Way. Kien hemm qbil li ssir refreshing ta' Reserved fi Triq Sant'Antnin.

5.3 Is-Sinjura Rita Saliba talbet biex jiġi rranġat il-poġġaman li jinsab fil-parkeġġ tal-Knisja. Kien hemm qbil unanimu kif ukoll biex isiru l-linji fil-layby ta' Triq Bella Vista. Għandha tintbagħat ittra lil WSC minħabba patching li sar b'asphalt li baqa' maħlul.

5.4 Is-Sur Trevor Fenech ilmenta dwar ħofra f'bankina ħdejn is-Savemart. Ġie nfurmat li din il-bankina qed tiġi indirizzata. Hu ippropona li ssir reserved parking f'Mensija Road għall-ministri quddiem il-każin tal-Labour. Ma kienx hemm sekondant.

5.5 Is-Sur Mikhail Micallef staqsa rigward il-Wifi tal-Kappara u biex tiċċaqlaq Doggie Bin għal Triq Bella Vista ħdejn il-Mużew.

5.6 Is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li l-paviment tal-masġar huwa kważi lest u issa għandhom jitwaħħlu l-bankijiet fi żmien qasir. Hu ppreżenta 4 stimi għat-tiswijiet. Kien hemm qbil unanimu li dawn isiru.

## 6 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 3 ta' Ġunju 2013 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Etienne Bonello Du Puis**<br>**Sindku** |